26 NOV 2025

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 619**

**It-Tnejn 27 ta' Ottubru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.02 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras – Kunsillier
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri – Kunsilliera
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**619.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

619.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sinjorina Martina Baldachino, mill-Kaptan Patrick Barbara u mis-Sinjorina Toshera Schembri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, is-Sinjorina Martina Baldachino, il-Kaptan Patrick Barbara u is-Sinjorina Toshera Schembri jkunu skużati.

**619.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

619.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-minuti tas-618-il laqgħa ġew unanimament approvati.

**619.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

619.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attività li ġiet organizzata filgħaxija biex jitfakkar il-50 anniversarju mill-waqgħa tal-ajruplan Vulcan, u enfasizza li kienet attività ta' livell għoli u ta' suċċess kbir, li ġabet magħha tifħir minn dawk kollha li attendew u mill-parteċipanti. Is-Sindku spjega wkoll li l-attività li saret filgħodu għat-tfal tal-iskola kienet waħda ferm apprezzata u ta' suċċess, fejn it-tfal ħadu pjaċir u tgħallmu dwar l-avveniment storiku. Is-Sindku tenna li l-attivitajiet kienu xierqa u denji biex infakkru l-memorja tal-vittmi kollha. Waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li saru ġewwa Lincoln fl-Ingilterra, organizzata mir-*Royal Air Force*, is-Sindku qal li kien ġie milqugħ tajjeb ħafna mid-delegazzjonijiet barranin. Is-Sindku żied jgħid li ddiskuta mas-Sur David Grech, li ħa ħsieb ir-riċerka kollha dwar il-waqgħa tal-ajruplan u li huwa l-awtur tal-ktieb *Vulcan*, dwar il-possibbiltà li s-sena d-dieħla tiġi ppubblikata edizzjoni ġdida biex timmarka l-50 anniversarju. Is-Sindku qal li matul dawn l-attivitajiet ittieħdu numru ta' ritratti kemm f'Ħaż-Żabbar kif ukoll f'Lincoln u dawn għandhom jiġu dokumentati b'mod xieraq. Is-Sur Leone Sciberras rrimarka li din id-dokumentazzjoni għandha ssir ukoll f'format ta' awdjo sabiex tkun aċċessibbli għall-persuni neqsin mid-dawl jew li ma jafux jaqraw. Is-Segretarju staqsiet lis-Sindku dwar l-istima indikattiva għall-pubblikazzjoni tal-ktieb u s-Sindku spjega li bħalissa qed jippreżenta biss il-kunċett għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Carlo Scicluna faħħar is-suċċess tal-attività iżda esprima diżappunt li l-membri tal-Kunsill ma ħadux ritratt uffiċjali tal-okkażjoni, u rrimarka wkoll li l-ikel ipprovdut waqt ir-riċeviment ma kienx sodisfaċenti peress li uħud mill-ikel kien artab u oħrajn kienu għadhom ffriżati. Is-Sindku qal illi kien ser jiġbed l-attenzjoni ta' min kien ipprovda l-ikel matul ir-riċeviment.

619.3.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ biex tiġi organizzata l-attività ta' *Halloween* fiż-żona tal-Biċċieni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l- attività tal-*Halloween* bil-kollaborazzjoni mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ liema spiża għandha tkun ta' €1,000 VAT inkluż.

619.3.3 Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Leon Sciberras, il-Kunsill approva unanimament li fl-1 ta' Novembru 2025 issir mixgħela fiċ-Ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar fl-okkażjoni tax-xahar tal-mejtin. Il-Kunsill qabel ukoll li jinxtraw 400 xemgħa biex jitpoġġew fiċ-ċimiterju matul l-attività, kif ukoll li ssir kuruna tal-fjuri li titpoġġa mal-kanċell bħala sinjal ta' rispett u tifkira lejn il-mejtin kollha tal-lokal.

619.3.4 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jinżabru s-siġar li hemm fis-*soft area* faċċata taċ-ċimiterju.

619.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet ser issir tranżizzjoni tas-sistema tal-Local Permits, u li mis-sena d-dieħla se tgħaddi lura għand il-Kunsilli Lokali individwalment. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din il-bidla ser ssir b'mod gradwali sabiex tiġi żgurata kontinwità fis-servizz li jingħata lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li din il-bidla mhux se ġġib magħha piż finanzjarju fuq il-Kunsill, peress li d-Diviżjoni se tkun qed talloka fondi dedikati biex tkopri l-ispejjeż kollha relatati. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li l-iskema tal-ħlasijiet għall-użu tas-sistema se tkun ibbażata fuq kategoriji ta' volum ta' permessi maħruġa matul is-sena kalendarja. L-ewwel kategorija tkopri sa elf permess bi ħlas ta' €2,000 fis-sena; it-tieni kategorija tkopri sa tliet elef permessi bi ħlas ta' €2,500; it-tielet kategorija tkopri sa erbat elef disa' mija disgħa u disgħin permess bi ħlas ta' €3,000; filwaqt li r-raba' kategorija tkopri kull volum bi ħlas annwali ta' €3,500. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jżomm il-kontinwità tas-servizz billi jibqa' juża l-istess fornitur li jipprovdi s-sistema bħalissa. Dan minħabba li s-sistema preżenti hija diġà stabbilita, uniformi u kompatibbli mal-proċeduri amministrattivi tal-Kunsilli Lokali, u għaldaqstant tippermetti tranżizzjoni bla interruzzjoni jew riskju ta' tfixkil.

619.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar attività tal-purċissjoni tal-abbatini li saret nhar is-Sibt li għadda, li għaddiet minn Misraħ is-Sliem għal Triq is-Santwarju, u li kienet organizzata mill-Parroċċa tal-lokalità bl-assistenza tal-Pulizija tal-Komunità. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kienx infurmat minn qabel dwar din il-purċissjoni li saret waqt li kien hemm is-suq fil-beraħ għaddej. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill ma joħroġx permessi ta' għeluq ta' toroq fil-viċinanzi sabiex jiġi żgurat li ma jinħolqux inkonvenjenzi addizjonali għall-pubbliku. Is-Sindku tenna li tali purċissjonijiet għandhom jiġu diskussi mal-Kunsill qabel isiru sabiex ikun hemm koordinament xieraq, b'mod partikolari meta jkunu nvoluti toroq fejn ikun għadu ma sarx il-ġbir tal-iskart jew fejn ikunu diġà maħruġa permessi għal makkinarju jew *skips*. Is-Sindku esprima d-diżapprovazzjoni tiegħu għall-fatt li l-purċissjoni, li kienet tinkludi tfal, għaddiet minn qalb skart mhux miġbur u minn żona magħluqa minħabba s-suq fil-beraħ, u enfasizza li attivitajiet reliġjużi bħal dawn għandhom isiru f'ambjent nadif u xieraq. Is-Sindku ppropona li tintbagħat korrispondenza formali lill-Arċipriet tal-Parroċċa u lill-Pulizija sabiex jiġi mfakkar li attivitajiet ta' din in-natura għandhom jiġu kkomunikati lill-Kunsill minn tal-anqas xahar qabel. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk il-permess għal tali purċissjoni isirx mal-Pulizija u jekk dawn javżawx lill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li, għalkemm il-Pulizija kellhom javżaw lill-Kunsill, in-nuqqas ewlieni kien min-naħa tal-Arċipriet bħala l-organizzatur tal-attività. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill approva unanimament li tintbagħat il-korrispondenza msemmija lill-Arċipriet u lill-Pulizija dwar dan in-nuqqas ta' koordinament.

619.3.7 Is-Sindku tkellem dwar ir-reklamar tal-oqbra li bħalissa qed jidhru għall-bejgħ fuq il-midja soċjali u qal li dan sar wara li nħareġ il-permess għall-estensjoni taċ-ċimiterju, proġett li għalih il-Kunsill kien diġà qabel li ma kellux joġġezzjona. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill għad irid jiffinalizza l-kuntratt notarili sabiex jirċievi l-ammont ta' €400,000 kif imwiegħed mill-iżviluppatur. Is-Sindku qal li ser jikkuntattja lin-nutar sabiex jiżgura li dan isir. Is-Sindku kompla jispjega li, minbarra l-proġett ta' estensjoni taċ-ċimiterju, waslet f'idejh applikazzjoni oħra li tikkonsisti fi proposta għal ċentru ta' akkwamazzjoni u faċilitajiet relatati maċ-ċimiterju. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet għal liema applikazzjoni kien qed jirreferi. Is-Sindku spjega li din l-applikazzjoni kienet relatata ma' applikazzjoni li kienet saret għall-kostruzzjoni ta' krematorju u li kienet ġiet sospiża. Is-Sindku żied jgħid li ser jirrevedi bir-reqqa din l-applikazzjoni l-ġdida sabiex jivverifika jekk hix l-istess bħal dik li kienet ġiet sottomessa fil-passat, u f'dan il-każ ser iressaq oġġezzjoni formali. Is-Sindku temm jgħid li ser jipprovdi aġġornament lill-membri dwar l-iżviluppi fil-laqgħa li jmiss jew permezz ta' komunikazzjoni elettronika.

619.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li matul il-laqgħa li jmiss ser iressaq għall-approvazzjoni n-nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar kif ukoll għal Ċertifikat ta' Ħajr fl-okkażżjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar 2026. Għaldaqstant, is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex iħejju jew jaħsbu dwar il-persuni li jixtiequ jinnominaw għal dawn ir-rikonoxximenti.

619.3.9 Is-Sindku qal illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi diskuss l-estimi annwali. Is-Sindku żied jgħid li din il-laqgħa trid issir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-lagħa annwali ssir fil-11 ta' Diċembru, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

619.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti li, hekk kif jasal tmiem is-sena, il-Kunsillieri huma obbligati jħejju u jippreżentaw ir-rapport ta' ħidma tagħhom skont ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

619.3.11 Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Leone Sciberras, il-Kunsill qabel unanimament li l-ikla tal-Milied tal-membri tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025.

## 619.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

619.4.1 Is-Sur Carlo Scicluna qal li kien ħaseb li l-ispejjeż tal-Pulizija matul l-attività tal-*Vulcan* kienu koperti mill-awtoritajiet u talab sabiex darb' oħra l-pagament ta' €361 mgħoddi lis-Sindku kellu jinqasam. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ammont ta' €361 kien jinkludi €300 bħala *Per Diem* għaż-żjara tas-Sindku fi Brussell, filwaqt li €61 kienu relatati ma' rifużjoni għall-ħlas li sar mis-Sindku għall-istampar tal-programm tal-attività tal-*Vulcan*. Is-Sur Scicluna spjega li talab dan għaliex l-ammont kien inkluż bħala somma waħda u xtaq jifhem jekk kienx hemm xi ħaġa oħra miżjuda ma' dan il-ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li d-deskrizzjoni tal-pagament hija dettaljata u tinkludi l-informazzjoni kollha sabiex min jaqra jkun jaf għal x'hix sar il-ħlas. Fakkret ukoll li waqt l-aħħar laqgħa, il-Kunsill kien diġà qabel

li jħallas lis-Sindku l-*Per Diem* tiegħu għaż-żjara fi Brussell. Is-Sur Scicluna rringrazzja għaċ-ċarezza iżda qal li ma kienx jaf l-ammonti speċifiċi għal kull ħlas.

619.4.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Settembru 2025 u s-27 t'Ottubru 2025 li kienet tammonta għal €68,868.99.

**619.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar - Settembru 2025**

619.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Settembru 2025. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Settembru 2025.

**619.6 SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026**

619.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li kienet ittieħdet fil-laqgħa preċedenti sabiex l-attività *Street Art Festival*, li parti minnha ser tkun ffinanzjata mill-iskema għall-attivitajiet kulturali annwali 2025/2026, ma ssirx kif kien ippjanat oriġinarjament il-Ħadd 26 ta' Ottubru 2025, iżda tiġi posposta għas-sena d-dieħla. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet ukoll għall-korrispondenza li kienet ġiet iċċirkolata fost il-membri tal-Kunsill, li permezz tagħha ġiet mitluba l-approvazzjoni tad-Direttorat biex jiġu aġġustati l-fondi approvati għall-istess skema. L-ammont totali approvat għall-attività *Street Art Festival* kien ta' €19,550. Minn dan l-ammont ġie propost li €14,000 jintefqu fuq l-attività kommemorattiva tal-50 anniversarju mill-waqgħa tal-Vulcan li se ssir fit-14 ta' Ottubru 2025. Il-bqija tal-fondi għandhom jibqgħu allokati għall-attività *Street Art Festival* li ser tiġi trasferita għas-sena ta' wara. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li din it-talba diġa ġiet approvata mid-Direttorat iżda l-Kunsill intalab sabiex id-deċiżjoni tiġi formalment ratifikata mill-Kunsill f'din il-laqgħa sabiex tkun tista' tiġi inkluża fil-minuti b'mod uffiċjali. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li €14,000 jintefqu fuq l-attività kommemorattiva tal-50 anniversarju mill-waqgħa tal-Vulcan li se ssir fit-14 ta' Ottubru 2025 u li l-bqija tal-fondi għandhom jibqgħu allokati għall-attività *Street Art Festival* li ser tiġi trasferita għas-sena ta' wara.

**619.7 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

619.7.1 Fis-6.45 ta' filgħaxija, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jissospendi l-laqgħa fi stadju ta' kumitat.

619.7.2 Fis-6.54 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

619.7.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet saret laqgħa mal-kumpanija *GCS Accountancy Malta* flimkien mal-avukati taż-żewġ partijiet biex tiġi diskussa l-kwistjoni dwar talba għall-ħlas relatata ma' servizzi ta' preparazzjoni ta' rapporti finanzjarji li kienu ngħataw matul is-snin li għaddew, iżda li għalihom qatt ma kienu bagħatu l-ebda *invoice* qabel. Is-Sindku spjega li, wara konsultazzjoni mal-avukat tal-Kunsill, ġie rrakkomandat li jkun fl-aħjar interess tal-Kunsill li jaċċetta t-talba

għall-ħlas sabiex jiġu evitati spejjeż legali bla bżonn. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jimxi skont il-parit tal-avukat tal-Kunsill u jħallas il-kontijiet sottomessi mill-kumpanija *GCS Accountancy Malta* għas-servizzi li kienu ġew ipprovduti minnhom.

**619.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

619.8.1 Is-Sinjura Anna Calleja resqet talba li kienet irċeviet mingħand ir-residenti sabiex jinżebgħu l-ħames metri *double line* fi Triq il-Marżebb kantuniera ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel.

619.8.2 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet dwar il-*bus shelter* fi Triq il-Marżebb minħabba li baqa' ma sarx. Is-Sindku qal li dwar dan il-*bus shelter* kien hemm kwistjoni mal-kumpanija *Faces*.

619.8.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet aġġornament dwar ix-xogħlijiet relatati mal-bandli ta' Ġnien il-Mistrieħ fiż-żona ta' St Peter. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill bħalissa qed jipprovdi d-dokumenti meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar billi dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat minnha, u għalhekk qabel ma jitlestew il-proċeduri formali il-proġett ma jistax jibda sabiex ma jintilfux fondi.

619.8.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li Transport Malta kienet laqgħet it-talba tal-Kunsill u li l-*bus stop* fi Triq l-Għakrux kien tressaq.

619.8.5 Is-Sinjura Anna Calleja nfurmat lill-membri preżenti li kienet ser tattendi għall-konferenza dwar id-drittijiet tat-tfal fid-19 ta' Novembru 2025 u dan jinvolvi pagament ta' €30 relatat mal-ispiża tal-attendenza.

619.8.6 Is-Sur Carlo Scicluna ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti dwar rampi għall-persuni b'diżabilita' li qegħdin fil-viċinanzi tal-Kunsill u li kienu jiżolqu. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi evitat kull periklu.

619.8.7 Is-Sur Carlo Scicluna tkellem dwar il-kwistjoni tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità li kien tneħħa minn Triq Lia biex ikun jista' jipparkja l-vann tal-ħaxix. Is-Sur Scicluna lmenta li sid il-vann kien ta' spiss iħalli l-bieba ta' wara miftuħa u jpoġġi oġġetti fit-triq, filwaqt li warajh hemm parkeġġ għall-muturi, u minħabba f'hekk qed joħloq inkonvenjent lil min jipparkja. Is-Sur Scicluna talab sabiex il-parkeġġ tal-muturi jiġi spostat lejn post aktar adatt. Is-Sindku qal li jkun opportun jekk il-Pulizija tal-Komunità l-ewwel jintervjenu billi jitkellmu mas-sid tal-vann sabiex jieqaf milli jpoġġi oġġetti fit-triq, u wara jekk ikun meħtieġ, jittieħdu miżuri addizzjonali dwar l-organizzazzjoni tal-parkeġġ.

**619.9 Mozzjonijiet**

619.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**619.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

619.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

619.10.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.03 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-620 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku